MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 938/2008

**Jesmond Gilford (ID-363568M) u Marika Gilford (ID-247670M)**

**vs**

**Anthony Briffa (ID-527161M) f'ismu proprju u ezercitanti fil-kummerc taht l-isem ta Bathmarket**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta Novembru 2008, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' Euro2,218 rapprezentanti valur ta materjal li kellu jerga jitwahhal mill-gdid fil-fond taghhom 13, Binja St Klement Gebel St Martin, Zejtun ghal liema spejjes il-konvenut kien verbalment obbliga ruhu li jirrifondi.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju datat 22 ta’ Ottubru 2008 kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 23 ta’ Jannar 2009 fejn fl-ewwel lok iddikjara mhux kontestat l-ammont ta Euro1,768 tant illi dan il-pagament kien gie offrut skond fattura Dok A mghoddija lis-socjeta estera produtrici tal-materjal. Gie kontestat biss l-ammont ta’ Euro450 peress li tali cifra ma kienitx inkluza fil-fattura originali Dok A; Fl-ahhar nett u fi kwalunkwe kaz l-atturi kellhom jipprovaw l-ammont minnhom reklamat. B’riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina x-xhieda mressqa nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema lill-abbli difesnuri tal-partijiet jitrattaw verbalment il-kawza.

Ikkunsidra.

Illi mill-mod kif gew impostati r-risposti tal-konvenut, dan it-Tribunal sejjer naturalment jikkunsidra biss il-kwistjoni tal-vertenza bejn il-kontendenti u kwindi ma hux ser joqghod jidhol f’materja ohra prodotta bhala prova meta huwa evidenti li tali prova hija ghal kollox irrilevanti ghal finijiet sabiex tinghata decizjoni fuq dan il-kaz partikolarment meta tqis l-ewwel zewg risposti mressqa mill-konvenut. Jigi notat ukoll li t-tielet risposta mressqa hija fil-fatt kontraditorja ma l-ewwel risposta u kwindi ma treggix. Barra minnhekk jinghad ukoll li l-atturi gabu prova soddisfacenti dwar l-ammont li qed jitolbu bhala refuzjoni u dana kemm tramite ix-xhieda ta’ min qieghed il-madum u thallas ghal xogholu cioe Stephen Camilleri, kemm tramite d-dokumenti esebiti a fol 8 u 9 tal-process u kif ukoll tramite l-ammissjoni tal-istess konvenut.

Illi r-risposta prezentata mill-konvenut huwa qed jikkontesta biss l-ammont ta’ Euro450 peress illi dawn ma kienux inkluzi fuq l-fattura Dok A datata 1 ta April 2008. Il-konvenut qed jaghmel referenza ghall-item li jitkellem fuq l-iskirting u mhux fuq l-extra works kif in segwitu ipprova

jitfa dubbju sew waqt l-ismiegh tax-xhieda u kif ukoll fl-osservazzjonijiet finali tieghu.

Illi ta' min jinnota li l-ammont ta Euro450 ghal-iskirting difatti jinsabu mnizzla biss fuq invoice ohra li ggib l-istess data tal-1 ta April 2008 u esebit bhala Dok B u mhux fuq l-invoice Dok A. Illi pero jigi notat ukoll li fuq l-invoice Dok A li skond l-istess konvenut din ghadiet lis-supplier tieghu ta' barra meta kien hawn Malta, xorta wahda wiehed jinsab imnizzel car u tond iswed fuq l-abjad, item li jitkellem fuq "scarting (trid tigi skirting) @ Euro5 per meter". L-unika haga li ma kienx hemm ma gemb dan l-item huwa fil-fatt it-total tal-ammont tal-iskirting rikjest liema total jinsab pero rifless fuq il-fattura Dok B. Illi ghalhekk il-konvenut u s-supplier spagnol meta raw il-fattura Dok A, (u hawn it-Tribunal qed isemmi z-zewg persuni peress illi l-konvenut ma hu kredibbli xejn meta ighid li kien biss l-attur li kkomunika mas-supplier ta l-konvenut fil-prezenza ta l-istess konvenut) kien imissihom indunaw li kien ghad hemm total nieqes u cioe l-komputazzjoni tal-kejl tal-iskirting. Barra minnhekk ma hux kontestat il-fatt li tali xoghol ta' skirting ta' bilfors kellu jerga jsir mill-gdid. Fil-fatt dan jinsab ikkkonfermat mill-istess konvenut fuq domanda diretta li saritlu minn dan it-Tribunal. Barra minnhekk il-konvenut kien baghat lill-attur bhala rimpjazzament mhux biss il-madum ta l-art izda wkoll dak li kellu jservi bhala skirting. Vide Dok MG 1 a fol 20 tal-process. Lanqas ma jista jghid il-konvenut issa li qed jikkontesta r-rata ta' tqeghid tal-iskirting peress illi din kienet mill-bidu nett indikata lilu bir-rata ta' Euro5 per meter fuq l-ewwel fattura Dok A ghal liema fattura huwa qatt ma kien oggezzjona ghaliha kif dal resto anqas ma kien oggezzjona l-Ispagnol skond ma kif xehed il-konvenut in kontro-ezami. Fil-fatt l-istess konvenut jistqarr li huwa kien lest ihallashom lill-atturi wkoll tal-iskirting kemm il-darba jtuhomlu minn barra.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa t-talba tal-atturi u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut di proprio sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Euro2,218 (elfejn mitejn u tmintax–il ewro) bl-imghax legali dekorribbli mit-22 ta' Ottubru 2008

u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------